## KUNSILL LOKALI MTARFA

# IS-SITT LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
# LAQGĦA NUMRU 43 – IT-TNEJN 9 TA' NOVEMBRU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku (wasal fid-9:30pm) |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (wasal fit-7:45pm) |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Kien hemm żewġ persuni jattendu.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 41 U 42

1.1 Is-SE skużat lis-Sindku għaliex kien infurmaha li se jasal tard minħabba appuntament urġenti li kellu għand id-dentist kif ukoll lill-Kunsillier Mifsud li kien se jasal tard minħabba xogħol.

1.2 Fin-nuqqas tas-Sindku, il-Viċi Sindku presieda l-laqgħa hu sabiex tkun tista' tibda fil-ħin.

1.3 Is-SE kienet iċċirkolat il-minuti minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.3 Iż-żewġ settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u s-SE.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet saret l-għotja taż-żebbuġ u dawn kienu tħawlu mill-ħaddiema tal-ELC filwaqt li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu tefgħu l-konkos magħhom biex ma jinsterqux. Hawnhekk il-Viċi Sindku fakkar lis-SE sabiex tagħmel l-arranġamenti sabiex tintefa' ftit ħamrija fil-parti fejn ġew imħawla dawn is-siġar.

2.2 Is-SE infurmat li kienet saret l-ordni għall-pots il-ġodda u kienu nġabu 4 u tħawlu l-hibiscus fihom. Sadanittant dik il-ġimgħa wkoll kienu tħawlu xi siar u arbuxxelli oħra fi Triq Sir Leslie Rundle, Triq il-Gladjoli, Triq Gregorio Caraffa, Triq San David u ħdejn it-Torri tal-Ilma.

2.3 Is-SE rrappurtat li sal-ġurnata kienet marret biss familja waħda mit-tnejn li kellhom il-kwistjoni dwar il-*planters* minn Triq Sir Philip Pullicino. Kif mitluba mill-Kunsill

dawn kienu ffirmaw ftehim li se jieħdu ħsieb iż-żewġ *planters* ta' biswithom b'mod temporanju u li dawn il-*planters* se jibqgħu proprjetà tal-Kunsill Lokali.

2.4 Is-SE infurmat li l-ittra lir-residenti ta' Triq il-Fosos tal-Qamħ kienet intbagħatet u ma kienx hemm ebda kommunikazzjoni lura min-naħa tar-residenti ħlief darba għaliex l-iskip kienet tressqet minn postha.

2.5 Is-SE talbet id-direzzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-kwotazzjoni pubblika tar-*re-enactment għall*-attività ta' Military Mtarfa minħabba li l-attività ma kinitx saret. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha ġġib direzzjoni legali jekk il-Kunsill jistax jopera bl-istess kwotazzjoni għas-sena ta' wara jew għandhiex tinħareġ waħda ġdida.

2.6 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien 7:45pm.

2.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud, is-SE infurmat li l-applikazzjoni dwar żvilupp tal-*Isolation Hospital* kienet għadha *at screening stage* u għaldaqstant dan kien ifisser li għadha ma ġietx ippubblikata fuq is-sit tal-MEPA u li tista' tinbidel b'mod radikali. Il-Kunsillier Mifsud informa lill-Kunsill li kienet qed issir petizzjoni min-naħa tar-residenti kontra dan l-iżvilupp.

2.8 Is-SE infurmat li numru ta' *claims* li kienet għaddiet lill-*Paying Agency* għal ħlasijiet li kien diġà għamel il-Kunsill kienu ġew ritornati lura għaliex ma kinux koperti bi kwotazzjoni pubblika jew offerta pubblika minħabba li l-ammont tagħhom kien taħt il-massimu tad-*direct order*. Uħud minn dawn kienu l-ħlasijiet għat-tisqija tal-bosk, il-kontijiet ta' Alfred E. Baldacchino, il-ħlasijiet tal-*adjudication reports* kif ukoll is-*survey* li sar qabel ma nbeda x-xogħol tal-qlugħ tas-siġar skont il-permess tal-MEPA. Wara diskussjoni kien hemm qbil li d-data tal-inawgurazzjoni għandha titmexxa għall-Ħadd 17 ta' Jannar 2016 sabiex ix-xogħlijiet kollha jkunu lesti u l-post ikun beda jitħaddar ukoll wara xi ftit tax-xita.

2.9 Is-SE infurmat li d-*doggie bins* kienu waslu u kienu se jitwaħlu matul il-ġimgħa ta' wara mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.10 Fir-rigward tas-*CCTV cameras*, is-SE infurmat li kienet ġabet xi informazzjoni mingħand Kunsilli oħrajn fejn kien hemm numru żgħir ta' kunsilli li kellhom xi camera mal-*bring in site* jew skips iżda kien hemm min semma' li għalkemm effettivi, dawn kienu jiswew ħafna u għaldaqstant maż-żmien tneħħew. Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lil xi *suppliers* biex iġġib xi kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil li possibbilment għandhom jitpoġġew żewġ *cameras*, waħda fi Triq Dar il-Kaptan u oħra ħdejn l-Iskola Sekondarja.

2.11 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-kuntrattur tat-tiżjin tal-Milied li għażel il-Kunsill u dan kien lest jagħmel aktar tiżjin kif imsemmi f'email li ġiet iċċirkulata mal-Kunsilliera kollha għal €400 extra. Il-Kunsill qabel ma' dan l-ammont u l-postijiet indikati.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Minħabba li s-Sindku kien għadu ma wasalx kien hemm qbil li dan il-punt għandu jiġi diskuss aktar tard.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 5. FTUĦ TAL-BOSK U SENJALAR ĠDID

5.1 Is-SE infurmat li kien hemm bżonn ta' numru ta' tabelli u sinjali ġodda fosthom regolamenti għal min jidħol, sinjali biex wieħed jasal għall-post kif ukoll senjalar biex in-nies ma jmorrux oltre mill-grada li tpoġġiet fuq in-naħa ta' wara tal-bosk. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru.

5.2 Il-Kunsill hawnhekk reġa' kkonferma li d-data tal-inawgurazzjoni għandha tkun is-17 ta' Jannar 2017 minħabba li fil-ġurnata proposta, l-10 ta' Jannar, il-Kunsilliera Bugeja kienet se tkun imsiefra.

## 6. MEMO 30/2015 – SKEMA DWAR INIZJATTIVI DWAR ATTIVITAJIET KULTURALI

6.1 Is-SE infurmat li kienet reġgħet ħarġet l-iskema dwar l-inizjattivi dwar l-attivitajiet kulturali. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat talba għall-fondi għall-attività ta' Military Mtarfa 2016.

6.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaqbeż għal punt 9 fuq l-aġenda u jissospendi l-laqgħa b'mod temporanju sabiex jitkellem mar-rappreżentanti tal-GreenMT li kienu l-uniċi li waddbu l-offerta tagħhom dwar ġbir ta' skart riċiklat. Din il-laqgħa ħadet madwar nofs siegħa u spiċċat għall-ħabta tad-9pm.

## 7. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA TAL-ĠBIR TA' SKART RIĊIKLABBLI

7.1 Is-SE infurmat li kien hemm skema waħda biss li wriet interess li tappoġġja lill-Kunsill sabiex jinġabar l-iskart riċiklat, il-GreenMT.

7.2 Mil-laqgħa li saret irriżulta li fost oħrajn, il-GreenMT kienu qed jipproponu li huma kienu lesti li jkomplu bil-ġabra tal-borża l-griża fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa sakemm il-Kunsill ineħħi l-iskips u l-ġbir tal-borża s-sewda fuq bażi ta' sebat ijiem fil-ġimgħa kif qiegħda fil-preżent. Huma kienu infurmaw ukoll li se jkun hemm tibdil fl-iskips fejn se jinbidlu għal skips on wheels minflok domes. Hawnhekk is-SE infurmat li kienet saret mistoqsija lill-GreenMT min-naħa tal-Kunsillier Mifsud dwar x'se jsir mill-iskips tad-dome minħabba li skont ma kien ġie infurmat il-Kunsill, issa dawn kienu proprjetà tal-Kunsilli Lokali.

7.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiddiskuti kif se jipproċedi fuq din il-proposta minn GreenMT.

## 8. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

8.1 Is-SE infurmat li l-attivitajiet li kienu qed jiġu proposti min-naħa tas-sottokumitat kienu kif ġej:

a) Festin għat-tfal iż-żgħar (4 – 8 snin) u ieħor għat-tfal ikbar (9 – 13-il sena).

b) Festin għall-anzjani fid-Dar tal-Anzjani

ċ) Ħarġa għall-monti nhar l-1 ta' Diċembru

d) Ħarġa għall-presepji nhar is-16 ta' Diċembru

e) Ikla tal-komunità nhar it-3 ta' Jannar 2016

f) Ikla għall-Kunsilliera u l-istaff nhar it-2 ta' Jannar 2016

8.2 Is-SE infurmat li possibbilment il-Kunsill mhux se jaqbeż l-ammont ta' spejjeż li ġew ivvutati waqt l-aħħar baġit.

8.3 Il-Kunsill qabel mal-attivitajiet proposti.

## 9. PASSAĠĠI FIL-ĦAMRIJA BARRA L-BOSK

9.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-passaġġ temporanju li kien hemm fuq barra tal-bosk kien tkisser minħabba li ttella' l-ħajt. Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjoni biex isir passaġġ bil-*paving blocks*.

9.2 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jieqaf għal ftit minuti sabiex jiddiskuti mal-*accountant* tiegħu. Il-laqgħa spiċċat għall-ħabta tad-9:30pm u sadanittant wasal ukoll is-Sindku.

## 10. XOGĦLIJIET MILL-KUNTRATTUR ELLES URBAN SERVICES

10.1 Hawnhekk saret diskussjoni dwar liema xogħlijiet għandhom jingħataw preċedenza fir-rigward tal-kuntratt il-ġdid għall-kostruzzjoni ta' bankini u toroq.

10.2 Kien hemm qbil li x-xogħlijiet li l-Kunsill xtaq li jsiru huma:

a) Tiġi kreata bus bay ġdida fi Triq ir-Reġimenti Maltin sabiex iż-żewġ karozzi tal-linja jkunu jistgħu jerġgħu jibdew jieqfu fiċ-ċentru tar-raħal minflok ħdejn il-bandli.

b) Issir ri-organizzazzjoni tal-parkeġġi u ż-zebra crossing fi Triq ir-Reġimenti Maltin biex jiġu kreati aktar parkeġġi.

ċ) Ri-organizzazzjoni tal-parkeġġi u jiċċekknu l-bankini fi Triq Wesgħat Ħażnet l-Ilma.

d) Isir passaġġ bil-konkos fi Triq Sir Philip Pullicino.

e) Traqqigħ estensiv, tisbieħ u manutenzjoni fiż-żona tal-Iskola Primarja.

e) ~~f)~~ Traqqigħ estensiv fi Triq il-Konti Salv Manduca.

f) ~~g)~~ Tneħħija ta' bankina wiesgħa fi Triq Gregorio Caraffa. *

10.3 Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib gwida ta' prezzijiet u *time frames* mingħand il-Periti/kuntrattur fir-rigward ta' dawn ix-xogħlijiet.

## 11. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

11.1 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-*Isolation Hospital*, għad hemm kollox pendenti għaliex għadhom iridu jsiru ħafna studji neċessarji u fil-preżent ma kien hemm ebda garanzija li dan ix-xogħol se jsir. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil unanimu li meta jasal il-waqt il-Kunsill żgur li kellu jieħu stand fir-rigward ta' parkeġġ adegwat għall-viżitaturi sabiex ma jtellfux dak tar-residenti tal-madwar.

11.2 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsillier Bugeja. Il-ħin kien l-10:25pm.

11.3 Kien hemm diskussjoni fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-*bus shelter/stop* fi Triq l-Imtarfa. Is-SE ġiet mitluba titlob li l-bus stop jiġi relokat għal faċċata tal-bus stop l-ieħor fi Triq l-Imtarfa filwaqt li jintalab il-permess ukoll biex il-*bus shelter* jiġi mibdul ma' dak ta' Triq ir-Reġimenti Maltin.

11.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għar-ritratti li kienu ġew mibgħuta lill-Kunsill dwar parkeġġ illegali fuq il-madum tal-pjazza tar-raħal u li kienet għaddiet kopja tagħhom lill-Kunsilliera permezz tal-*email*. Hawnhekk kien hawn qbil li l-pjazza għandha terġa'



* Għalkemm preferibbilment isiru f'din l-ordni, il-kunsill mhux obbligat li jsegwiha.

tingħalaq bil-*barrier* bħalma kienet qabel u tal-ħwienet ikollhom biss dritt għall-aċċess.

## 12. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**